# GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN, 9 TA' APRIL, 2001

*Avviz. Nru 1692/00 AJD*

John u Helen konjugi Mercieca

vs

Mario u Marvic konjugi Mercieca u b'digriet tal-21 ta' Novembru, 2000, kunjom il-konvenuti gie korrett minn Mercieca ghal Manicaro

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-10 ta' Ottubru, 2000, fejn intalab li l-konvenuti jersqu ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni ta' mija u tmienja u disghin liri Maltin u erbgha u tletin centezmu (Lm198.34) jew somm averjuri bhala hlas ghall-appogg pratikat mal-hajt divizorju propjeta' ta' l-atturi fil-fond 'Whitecoal', St. Mary Street, Tarxien u dana perss li minkejja li gew interpellati diversi drabi mill-atturi, anki permez ta' ittri bonarji datati 15 ta' Novembru, 1999, 27 ta' Marzu, 2000, 15 ta' Marzu, 2000, 16 ta' Gunju, 2000, u ta' ittra ufficjali datata 15 ta' Dicembru, 1999, il-konvenuti baqghu inadempjenti.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittri bonarji datati 15 ta' Novembru, 1999, 27 ta' Marzu, 2000, 15 ta' Marzu, 2000, 16 ta' Gunju, 2000, u tal-ittra ufficjali datata 15 ta' Dicembru, 1999, u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuti.

Ra r-risposta tal-konvenuti fejn dawn eccepew li:-

1. L-valur tal-appogg ipprattikat jammonta ghal mija u wiehed u erbghin liri Maltin (Lm141.00) u mhux ghas-somma pretiza skond it-talba.

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra n-nota prezentata mill-atturi fis-seduta tal-5 ta' Frar, 2001, fejn huma rriducew

it-talba taghhom minn mija u tmienja u disghin liri Maltin u erbgha u tletin centezmu (Lm198.34) ghal mija u sittin lira Maltin (Lm160.00).

Sema' x-xhieda tal-attrici Helen Mercieca li kkonfermat bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ra l-verbal tas-seduta tas-26 ta' Marzu, 2001, fejn l-atturi talbu li l-kawza tigi differita ghas-sentenza fuq il-provi li hemm, stante li wara li l-konvenuti promettew li ser jipprezentaw nota ta' ammissjoni, huma naqsu milli jaghmlu dan.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-atturi s-somma ta' mija u sittin lira Maltin (Lm160.00) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-15 ta' Dicembru, 1999, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti skond il-Ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR